**61. L-Onor Leo Brincat jipproponi:**

Illi l-Gvern Malti għandu jilleġiżla dwar il-bdil tal-klima wara li jkun tħejja abbozz ta' liġi li, qabel jitressaq fil-Kamra, ikun ġie diskuss u maqbul mal-istakeholders kollha f'pajjiżna, partikolarment dawk fil-qasam ambjentali. L-abbozz innifsu għandu jitfassal minn Kumitat ta' Esperti maħtur bl-approvazzjoni tal-gvern u tal-Oppożizzjoni.

Dan isir bil-għan li:

L-għanijiet u l-miri li pajjiżna jrid jilħaq fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' dijossidu karboniku jkunu marbuta bis-saħħa ta' liġi approvata mill-Parlament;

mill-istess liġi għandhom joħorġu pjani ta' azzjoni konkreti dwar kif għandhom jintlaħqu dawn l-għanijiet;

tiddaħħal fis-sistema parlamentari tagħna sistema ra' rappurtaġġ annwali mill-Gvern dwar xi jkun sar matul kull sena amministrattiva f'forma ta' Rapport Annwali tas-Sena (annual progress report) li mbagħad jiġi diskuss fil-Kamra nnifisha;

l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż tpoġġi fuq il-Gvern tal-ġurnata r-responsabbiltà li jikkalkula u jidentifika b'mod trasparenti l-impatt li l-bdil tal-klima jista' jkollu fuq pajjiżna kemm f'mod olistiku kif ukoll fuq livell settorali: eżempju t-turiżmu, l-immigrazzjoni illegali u r-riżorsi tal-ilma

10.10.08

**Il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali ppropona din l-emenda (għaddiet f'Seduta 71 - 15.01.09):**

(1) Ħassar mir-riżoluzzjoni l-kliem "jilleġiżla dwar il-bdil fil-klima" sal-kliem "azzjoni konkreti dwar kif għandhom jintlaħqu dawn l-għanijiet" u ssostitwixxi bil-kliem li ġejjin:

"jpoġġi s-sebgha u tmenin (87) proposta mressqa mill-Kumitat ta' Esperti maħtur mill-Gvern bħala parti mill-Abbozz ta' Politika u Strateġija Nazzjonali (li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra) biex tindirizza l-isfidi mill-bidla fil-klima u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għall-konsultazzjoni pubblika;

Għaldaqstant il-Kamra tirrisolvi illi:

- għandu jsir dibattitu dwar dan l-Abbozz ta' Politika tal-Istrateġija Nazzjonali hekk kif jispiċċa l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika, u mhux aktar tard minn xahar mit-tmiem ta' dan il-proċess;

- wara dan id-dibattitu li jwassal għall-approvazzjoni tal-Abbozz tal-Istrateġija, titlob lill-Gvern sabiex iwettaq din l-istrateġija bl-aħjar mod possibbli, inklużi miżuri amministrattivi u /jew leġislattivi;

- tħeġġeġ lill-Gvern sabiex ikompli jżid il-miżuri favur it-tnaqqis tal-gassijiet serra, bħal dawk introdotti fl-aħħar budget, fosthom inċentivi għall-użu ta' apparat li jżid l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija bħalma huma lampi *energy saving*, inċentivi fl-użu ta' apparat li jiġġenera enerġija minn sorsi nodfa bħall-iskema tal-*photovoltaic panels* u li fl-azzjoni tieghiu jirriafferma l-prinċipju li min iniġġeż iħallas bħal fil-każ tar-riforma fil-liċenzji tal-karozzi;

- tifraħ lill-Gvern tas-sehem li ta fil-Kunsill Ewropew tal-11 u 12 ta' Diċembru li għadda li wassal għall-għeluq tal-pakkett tal-miżuri li l-Istati Membri kollha, inkluż Malta, intrabtu li jwettqu fis-snin li ġejjin sabiex jonqsu b'20% l-emissjonijiet tas-$CO_2$, tiżdied b'20% l-enerġija minn sorsi nodfa u tiżdied b'20% l-effiċjenza fil-konsum tal-enerġija fuq bażi Ewropea; u

(2) Ħassar mir-riżoluzzjoni l-aħħar paragrafu tagħha.